# Karmnu Attard (l-Għawdxi) u t-traġedja tal-fliegu fl-1948 (it-tieni parti)

minn Conrad D'Amato

Fil-ħarġa tal-festa 2003 kont ktibt rakkont fuq it-traġedja li seħħet fit-30 ta' Ottubru 1948 u li fiha kien involut iċ-ċkejken Karmnu Attard, li sa ma miet fl-2002 kien jokkupa l-kariga ta' kaxxier tal-banda ASan Pietru. Din is-sena ġini l-ħsieb li nippubblika intervista li keinet saritlu u li deheret fuq il-ġurnal "Il-Berqa" tat-Tlieta 2 ta' Novembru 1948. Hawn Karmnu Attard irrakkonta minn x'kien għadda u kif salva minn din it-traġedja li ħalliet erbgħa persuni minn sebgħa u għoxrin ħajjin

Karmnu Attard li joqgħod Nru. 5, Hill Street, Qala, Għawdex, u li qiegħed jaħdem ix-Xatt tal-Belt, Malta bħala fattiga f'ħanut ta' l-ikel, li għandu 15-il sena, bin il-mejjet Ġużè, se jagħti hawn taħt rakkont sħiħ ta kif ġrat id-diżgrazzja fatali meta skond kif igħid hu, kien għad fadal biss xi 100 pass biex jilħqu l-art.

Karmnu Attard beda r-rakkont tiegħu hekk: "Fit-3.30 p.m. il-Marfa konna sitta min-nies. Jien iddejjaqt u erġajt lura lejn il-Mellieħa ma' Mikelanġ Borg li dan baqa' sejjer lejn il-Belt. Meta wasalt il-Mellieħa rajt karrozza bil-passiġġieri, li għarafthom li kienu għal Għawdex. Ħtaft l-okkażżjoni u wara li kont wasalt il-Mellieħa bil-mixi irkibt mill-ġdid għall-Marfa. Issa l-Marfa ltqajna 25 ruħ.

"Wara ħafna taħbit sar arranġament biex jinġieb luzzu minn Għawdex. Dan wasal il-Marfa għal ħabta tas-7 p.m. u rkibna fuqu lkoll. Fuq il-luzzu kellna jurilna dawl żgħir.

"Il-biċċa l-kbira tal-passiġġiera poġġew fuq il-poppa. Għall-ewwel sakemm għad-dejna minn wara Kemmuna, l-ebda biża' ma qbadna, iżda f'daqqa waħda Karmnu Grima, sid il-luzzu deher imħasseb bil-maltemp li ltqajna tant li qalilna biex ninżlu f'Ħonqod ir-Rummien il-Qala, iżda mill-passiġġieri kollha ħadd ma ried jinżel ħlief tnejn, u għalhekk bqajna sejrin lejn l-Imġarr.

### *Il-luzzu nqaleb*

"X'ħin wasalna x'imkien imsejjaħ "ta' l-Imġarraf" aħna ħassejna biża' kbira. Il-luzzu beda jixxengel, l-ilma deher dieħel, mewġ jaħbat magħna u f'daqqa waħda l-luzzu beda jixxengel, l-ilmadeher dieħel, mewġ jaħbat magħna u f'daqqa waħda l-luzzu nqaleb fuq ġenb u baqa' nieżel.

Kunfużżjoni tal-għaġeb; l-għajjat kien itarrax. Nikkalkula li kien baqa' 100 passgħall-art. Jiena ma qbiżtx minn ta' l-ewwel anzi aktarx kont minn ta' l-aħħar. Fittixt post fejn ma kienx hemm passiġġieri. Dritt qbiżt il-baħar u tlaqtilha bil-għawmgħall-Imġarraf jew taċ-ċawl, post li nafu tajjeb.

Ħdejja lmaħt mara, Rita Buttigieg, mix-Xewkija, u ż-żagħżugħ Mikiel Buttigieg min-Nadur Smajt xi kliem Rita semmiet lil żewġa: iż-żagħżugħ Mikiel baqa' jgħum.

### *Tlabt lill-Madonna ta' Pinu*

Bdejt imbagħad nitħabat biex naqbad l-art, iżda għall-ewwl ma stajt. Tlabt lil Madonna ta' Pinu, mewġa tellgħetni fuq blata, iżda mill-ġdid sibt ruħi fil-baħar. Ma qtajtx qiesi; għamilt iżjed kuraġġ, erġajt ippruvajt nitla' mal-blat u fl-aħħar irnexxieli. Ċurkett li kelli f'idi għeni ħafna.

"Lil dik il-mara u liż-żagħżugħ Mikiel ma rajthomx iżjed iżda wara sirt naf li l-mara ma nstemax aħbar tagħha waqt li Mikiel salva.

### *Rajt Dawl Inemnem*

Kif sibt ruħi fl-art b'raincoat, b'jersey u slippers neqsin għax kont tfajthom il-baħar, rajt dawl inemnem; kien id-dawl tal-Madonna tal-blat. Bqajt nimxi f'dik id-direzzjoni. Sibt triq u qbadt ir-rotta ta' Ħondoq ir-Rummien. Hemmhekk sibt fejgatina li minnha qbadt xkora biex tistorni u ssaħħanni.

Niġri u nħaffef wasalt il-Qala. Mort il-Call Office u ċempilt ix-Xatt ta' Għawdex. Kellimt lil-Pulizija tal-għassa u tajtu r-rapport li luzzu kien inqaleb u l-passiġġieri tiegħu kienu fil-periklu. "Wara mort id-dar u rrakkuntajt kollox l-ommi. Sibt neqsin £3 u xi ritratti. Kien baqagħli, fil-but 17s.6d. X'ħinirqadt ma' tul il-lejl, ġejt imsejjaħ għall-inkjesta mill-Maġistrat G. Gouder LL.D. Filgħodu l-ewwel ħaġa li għamilt mort 'Ta' Pinu' u tajt iċ-ċurkett lill-Madonna Mirakuluża."